MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 401/2007

**Il-Pulizija**
**(Surg. J. Grima)**
**Vs**
**Nazzareno sive Reno Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli mix-xahar ta' April, 2007 sal- gurnata tal-5 ta' Settembru, 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment lil Maria Stella Abela ghaliha w jew ghal wild minuri pagabbli kull xahar bl-ammont ta' LM250 fix-xahar, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Novembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal xahar (1) prigunerija, sospiz ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ordnat lill-istess appellant ihallas is-somma ta' LM1,250 (elf mitejn u hamsin lira Maltin) lil Maria Stella Abela fi zmien tlett (3) xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha
1. thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant skond il-ligi mill-unika akkuza dedotta kontra tieghu;
2. alternattivament u minghajr ebda pregudizzju ghall-fuq espost, u dan f'kaz li tigi michuda t-talba fuq esposta, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok il-piena ta' xahar prigunerija sospizi ghal sena tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghac-cirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tal-lum li bih Dr.Tanti Dougall ghall-appellant informa lill-Qorti li dalghodu stess il-parte civile ffirmat il-prattici kollha biex tkun tista' tizbanka l-manteniment lilha dovut sat-8 ta' Frar, 2008 ghas-sodisfazzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess parte civile li in vista ta' dan l-arrangament hi m'ghadx ghandha interess iktar f'din il-kawza w fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti w li ghal dak li jirrigwarda lilha, hija tahfer lill-appellant.

Rat illi l-prosekuzzjoni rrimetiet ruhha dwar il-piena.

Rat il-verbal li bih Dr. Tanti Dougall ghall-appellant irtira l-aggravji kollha dwar il-mertu w illimita ruhu ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Fic-cirkostanzi, peress li jidher fil-mori ta' dan l-appell intlahaq arrangement li jissodisfa pjenament lill-parte civile

w li dina hafret lill-appellant u kif hi w kif ukoll il-prosekuzzjoni rrimettew ruhhom dwar il-piena, jidher li hemm lok ghal varjazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' dan l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija sospiz ghal sena w ghall-hlas tal-ammont ta' elf, mitejn u hamsin lira Maltin (LM1250) fi zmien tlett xhur u minflok, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------